# KLIEM TA' DUN ĠWANN M. FARRUGIA, Fil-ĠUBLEW TA' L-EWWEL QUDDIESA TIEGĦU

**(1892 — 1952)**

"Bħal-lum sittin sena, mixħut wiċċi fl-art quddiem l-Altar waqt li fil-Kor kien qiegħed jitkanta l-"Veni Creator Spiritus" u l-Isqof kien biż-żejt tal-Griżma jidlikli idejja t-tnejn,



Il-Wisq Reverendu Kanoniku Teologu Dun Ġwann M. Farrugia, Membru Akkademiku tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".



Ġesù Qassis ta' Dejjem, irreġistrani fil-Ktieb tad-Deheb, bħala werriet tal-Qassis Melkisedek.

Għajnejja mxarrba bid-dmugħ tal-konsolazzjoni u qalbi trid ittir bil-ferħ, imħeġġa biz-zelu u għatxana biex ma' tul ħajti nagħmel ġid kemm nista'; dikment bdejt il-missjoni tiegħi skond ir-rieda ta' Ġesù: Qassis Divin bla tebgħa, bla bidu.

F'dawn is-sittin sena ta' Saċerdozju, dejjem għamilt dmiri, skond il-kapaċità tiegħi dgħajfa, u jekk ma għamiltx iżjed, żgur li ma hix ħtija tiegħi.

Ma' tul il ħidma tiegħi saċerdotali, għaddejt minn bosta tiġrib iżda ġejt meħlus, u xi daqqiet b'miraklu fid-dieher. Ma' tul ħajti ippruvajt: hena mħallat ma' mrar ta' dispjaċiri; iżda b'danakollu qatt ma sogħobbija li jien xiddejt is-suttana sewda, simblu ta' vistu għal din il-ħajja: minsuġa bil-miżerji, bil-qerq u bl-affanni.

Mal-milja ta' dawn is-sittin sena, rajt jintfew bħal imsiebaħ li jixxuttalhom iż-żejt, il-ħajja ta' dawk kollha l-ħbieb fis-Saċerdozju u ta' dawk li fis-sena 1892 ixxierku miegħi fuq l-Altar tal-Kbir Alla, u l-lum, bqajt waħdi: l-inqas wieħed denn, fosthom.

...."*O altitudo divitiarum sapientiae et scientiae Dei, quam incomprensibilia sunt judicia ejus et investigabiles viae ejus*" (Rom. II. 33) *Min jista' jifhem il-ġudizzji t'Alla; min, jekk mhux Profeta, jista' jobsor il-għaliex ħallieni ngħix biex nilħaq is-sittin sena ta' Saċerdozju?!*"......

Tgħid, għad irid xi ħaġa oħra minni? Tgħid ma qdejtx il-ministeru tiegħi kif jixraq?......

Din il-Quddiesa tal-lum, li fakkritna f'dan kollu, hi bħala ħlas għan-nuqqas kollu ta' ħajti, kemm ukoll radd il-ħajr, għal grazzja hekk straordinarja li għoġbu jagħtini".